MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 84/2007

L-Avukat Dottor Carmelo Galea bhala mandatarju tal-imsefrin Grace armla ta' Joseph Buttigieg; Concetta sive Connie armla ta' Frank Xerri; ta Kathleen Sherry, Joe Scerri, Vicentia Xerri, Michelina Xerri, Charlie Xerri u Michael Xerri lkoll ahwa Xerri ulied l-istess Frank Xerri ghal kull interess li jista' jkollhom, u ta' Victor Xerri, Catherine Sultana, Charlie sive Carmel Xerri, Jessie Buttigieg, Carmen Sultana, Jane Xerri, u Michael Xerri lkoll ahwa Xerri ulied Joseph Paul Xerri

Vs

Maria Sacco; Marianne Xerri; u Joseph Agius; Gabriella Agius; Michelina Cremona u Catherine Portelli; u b'digriet tas-17 ta' Ottubru 2007 Catherine Portelli giet nominata kuratur sabiex tirraprezenta lill-imsefrin Frank Agius u Salvu Agius; u b'digriet tad-20 ta' Ottubru 2007 l-Avukat Dottor Chris Said gie nominat kuratur deputat ghal Joseph Xerri, Maurice Xerri, Grazzja Theuma, Salvina Bartolo u Emanuel Xerri u b'digriet moghti fis-17 ta' April 2008 D.

Kevin Mompalao issostitwixxa lil Dr Chris Said bhala kuratur sabiex jirraprezenta lill-imsemmija assenti u b'digriet moghti fl-10 ta' Gunju 2008 il-qorti ordnat korrezzjoni fis-sens li l-kuratur Dr Kevin Mompalao qeghed jidher ghal ghall-assenti Salvina Bartolo u Emanuel Xerri

Permezz ta' din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-qasma tal-wirt ta' Michael Xerri (miet fl-24 ta' Awwissu 1964) u martu Catherine Xerri (mietet fis-16 ta' Dicembru 1948), immissjoni fil-pussess ta' legati mhollija mit-testaturi u hlas kontemplat f'wahda mid-disposizzjonijiet tat-testment. Il-wirt tal-konjugi Xerri hu regolat minn testment *unica charta* li sar fit-30 ta' Awwissu 1948 fl-atti tan-nutar Dr Francesco Gauci[1]. Id-disposizzjonijiet li jinteressawna ghal finijiet ta' din il-kawza huma:-

1. **Artikolu V** – Legat lil uliedhom Felice, Giuseppe u Francesco ahwa Xerri tar-raba' msejjah "Tal-Qiegha", Xaghra, Ghawdex b'kejl superficjali ta' tliet sighan (ekwivalenti ghal 562.2 metri kwadru[2]). Il-qorti qeghda tifhem li din art hi dik li fid-denunzja ta' Michael Xerri (fol. 60) tissemma bhala *"bicca art, fil-limiti ta' Trik Bullara..."*, tant li l-konfini huma l-istess bhal dawk li jissemmew fit-testment (fol. 38)[3].
2. **Artikolu VI** – Legat imholli lil Victoria u Marianna ahwa Xerri ta' parti mill-fond 11 u 12, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex u parti mill-mandretta annessa ma' l-istess (fol. 39).
3. **Artikolu VII** – Legat imholli lil Victoria u Marianna ahwa Xerri ta' mobbli li fi zmien tal-mewt tad-decujus ikunu jinsabu fl-imsemmi fond (fol. 39).

[1] Fol. 34 u 38.
[2] Siegh hu ekwivalenti ghal 187.4 metri kwadru.
[3] Permezz ta' nota prezentata mill-konvenuti ahwa Agius u Marianna Xerri ddikjaraw li: *"....l-imsemmija bicca art fi Triq Bullara tal-kejl ta' circa tlett sighan, llum din l-istess triq m'ghadhiex msejjha triq Bullara izda sar jisimha Triq Liberat Grech."* (fol. 126).

4. **Artikolu VIII** – Legat imholli lil Victoria u Marianna ahwa Xerri tal-kumplament tal-fond 11 u 12, Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex bl-obbligu ta’ l-istess prelegatarji li ***“.....jhallsu lil huthom l-ohra r-rispettiva kwota mill-valur a stima ta’ perit ta’ l-istess parti ta’ l-istabbli.”*** (fol. 40).
5. **Artikolu XI** - Il-konjugi Xerri innominaw werrieta universali taghhom lil uliedhom (kienu disgha), Victoria u Marianna Xerri, Carmela Agius, Suor Gaetana ta’ l-Ordni tas-Sorijiet Frangiskani ta’ Malta fis-sekolu xebba Giuseppa, Grazia Buttigieg, Lorenzo, Francesco, Giuseppe u Felice ahwa Xerri (fol. 40). Il-proprjeta’ li hemm x’tinqasam bejn il-werrieta hi tal-Ghizna sive Tal-Gajzua, limiti ta’ Triq Sant’Anton, Xaghra, Ghawdex tal-kejl ta’ cirka siegh.

It-tfal ta’ Michael u Catherine Xerri li ghadhom hajjien huma **l-attrici Grace Buttigieg (tghix barra minn Malta) u l-konvenuta Marianne Xerri**. Il-ligi tirrikonoxxi d-dritt ta’ kull koeredi li jitlob il-qasma tal-wirt, u li ggib maghha x-xoljiment tal-komunjoni. Fid-divizjoni il-koeredi ghandu d-dritt li jiehu, kemm jista’ jkun possibbli, in natura, parti proporzjonali tal-beni li jifformaw parti mill-attiv tal-eredita’.

Permezz ta’ din is-sentenza parzjali ser tigi deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ahwa Agius u Marianna Xerri (fol. 26):

*“Illi preliminarjament hemm l-ostakolu tal-preskrizzjoni decennali (10) kif kontemplata fl-artikol 845 tal-Kodici Civili u dik trentennali (30) a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kodici Civili u dan sewwa ghar-rigward l-ereditajiet a’ Michael u Catherine Xerri kif ukoll ghar-rigward il-legati hemm imhollija.”*.

L-Artikolu 498 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*“Il-qasma tista’ tintalab ukoll ghad illi wiehed mill-komproprjetarji jkun gawda separatament bicca mill-beni in komun, izda dan kemm-il darba ma tkunx saret qasma*

*jew ma jkunx hemm pussess bizzejjed li jaghti lok ghall-preskrizzjoni."*[4].

Ghal finijiet ta' preskrizzjoni, z-zmien seta' jibdi jiddekorri mid-data tal-mewt ta' Michael Xerri (24/8/1964[5]), in kwantu skond it-testment[6] is-supestiti nghatat l-jedd ta' l-uzu u l-uzufrutt tal-beni kollha. Fil-fatt fid-denunzja li saret fis-16 ta' Novembru 1964 minn Victoria Xerri wara l-mewt ta' missierha, jissemmew il-beni. Skond din id-dikarazzjoni jidher li Michael Xerri kellu biss l-uzufrutt fuq il-porzjon art tal-Ghizna, filwaqt li jidher li l-art ta' Triq Bullara kienet proprjeta' parafernali tieghu[7].

L-Artikolu 845 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

**845.** (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni.

(2) Iżda, għall-minuri, jew għall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiċċax ħlief egħluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru ta' l-età, jew li l-interdizzjoni tispiċċa, kif ikun il-każ.

Din il-qorti diga' kellha l-opportunita' li tikkunsidra jekk dan il-perjodu huwiex dekadenza jew preskrizzjoni akkwizittiva. F'dan il-kuntest taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija fit-23 ta' Mejju 2008 fil-kawza fl-ismijiet **Grace Attard vs L-Avukat Dr. Georgine Grech nomine et**. fejn din il-qorti kif preseduta diga' kellha l-opportunita' tistharreg jekk il-perjodu huwiex wiehed ta' dekadenza jew preskrizzjoni akkwizittiva. Ghall-istess ragunijiet tikkonkludi li l-perjodu hu akkwizittiv. B'zieda mal-gurisprudenza hemm citata taghmel riferenza ghall-kawza fl-ismijiet **Josephine Borg et vs Joseph Bianco** deciza fis-27 ta' Gunju 2008 mill-Qorti ta' l-Appell fejn rega' gie konfermat:-

---

[4] Provvediment li japplika wkoll fil-kaz ta' qasma tal-wirt in forza tal-Artikolu 907 tal-Kodici Civili.
[5] Certifikat tal-mewt a fol. 32.
[6] Ara fol. 40.
[7] F'dan il-kuntest ara wkoll id-denunzja ta' Catherine Xerri li saret mill-konvenuta Marianna Xerri fl-10 ta' Marzu 1949 (fol. 62-65).

*"Iz-zmien mahsub fl-Artikolu 845 gie mfisser bhala wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza, u ghandu miz-zmien ta' preskrizzjoni akkwizittiva ("***Borg v. Zammit***", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 1955). Dan l-artikolu gie spjegat fis-sens li barra mill-element taz-zmien,* ***hemm bzonn li jigi ppruvat anke l-element attiv tal-pussess. Dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda jrid ikun il-pussess formali, jigifieri li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`. Konsegwentement dak il-pussess ghandu jkun reali u mhux bizzejjed il-pussess di diritto*** *("***Camilleri v. Camilleri***", deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru, 2000)."*.

F'dan il-kuntest l-Artikolu 2107 tal-Kodici Civili hu wkoll rilevanti: *"il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, pacifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, ghal zmien li tghid il-ligi."*.

Il-qorti kellha l-opportunita' tisma' lil Marianna Xerri, li ghandha erbgha u disghajn (94) sena, u ghalkemm tidher li hi mixhuta fis-sodod ghad ghandha mohha car. Marianna Xerri qalet: *"Illum issa ghadda z-zmien u l-post huwa tieghi."* (fol. 95). Il-post li qeghda tirreferi ghalih hu l-fond li jinsab fi Triq Gnien Imrik, Xaghra Ghawdex (illum numru 13 u 14). Qalet ukoll, *"Il-post kien tieghi u ta' Victoria."* (fol. 96). Pero' l-atturi m'humiex jikkontestaw li l-fond thalla bi prelegat lil Marianna u Victoria ahwa Xerri, u ghalhekk proprjeta' taghhom. Pero' min-naha ta' l-atturi qeghdin jippretendu l-hlas impost fuq il-prelegatarji permezz ta' Artikkolu VIII tat-testment. Marianna Scerri spjegat li *"Huti l-imsefrin qatt ma kellmuni dwar il-qasma. Nikkonferma ukoll illi hija Wenzu qatt ma kellimni dwar huti l-imsefrin biex naqsmu.* ***Nikkonferma illi kien hemm okkazjoni illi jiena lil Wenzu ghidtlu "x'hin trid ejja u naqsmu****". Nikkonferma illi l-bicca l-kbira tal-gid li hallew ommi u missieri kien tieghi u ta' ohti."* (fol. 96). Lorenzo Xerri miet fil-11 ta' Mejju 1997 (fol. 53), pero' Marianna Xerri ma tat l-ebda taghrif dwar meta saret din id-diskussjoni. Maria Xerri, bint Lorenzo Xerri, ikkonfermat li tiftakar lil missierha u liz-zija (Marianna Xerri) jitkellmu fuq

il-qasma tal-wirt[8]. Mistoqsija kemm kien ghadda zmien, wiegbet: *"Jiena llum ma niftakarx, pero' kien ilu. Tal-maqjel kif ghidt kien ilu. Qed nigi mistoqsija kien ghoxrin (20) sena, nahseb li kien ghoxrin (20) sena. Jista' ikun, pero' kien inqas."* (fol. 121). Dwar il-legat li thalla lil Felice, Giuseppe u Francesco ahwa Xerri tar-raba' msejjah "Tal-Qiegha", Xaghra, Ghawdex, Marianna Xerri ma qalet xejn. L-istess dwar l-art Tal-Ghizna sive Tal-Gajzua, limiti ta' Triq Sant'Anton, Xaghra, Ghawdex li tmiss lill-werrieta. Il-qorti qeghda tifhem li l-ikbar kontestazzjoni tittratta dwar il-hlas li t-testaturi ordnaw lill-prelegatarji Victoria u Marianna ahwa Xerri biex jaghmlu fir-rigward tal-ambjenti tal-fond fi Triq Gnien Imrik, Xaghra (*".....l-istalla ta' l-annimali, kamra tar-rqad, kcina u kamretta bil-kumplament tal-mandretta ta' biswitu."*)[9]. Hu minnu li in kontro-ezami Maria Scerri xehedet li, *"Nikkonferma illi Mananni kellha kollox f'idejja tal-wirt."* (fol. 122), izda l-qorti m'hijiex konvinta minn dan. Fil-fatt il-konvenuta Gabriella Agius spjegat[10] li l-art li thalliet b'legat *".....ma tistax tinhadem; kullma hemm hu blat. Fil-fatt hadd ma jmur fiha din l-art."*. Tista' tghid li l-istess verzjoni nghatat minn Catherine Portelli; *"Jiena nikkonferma illi l-art li tizbokka fi Triq Bullara, illum inbidel l-isem, ma nafx x'isimha, Xaghra, Ghawdex. Din hi xaghri, mhix tajba biex tinhadem, il-wicc hu blatt u fil-fatt ghalhekk ma nafx li qatt inhadmet."*. F'kull kaz il-qorti m'hijiex lanqas konvinta li anke jekk Marianna Xerri kellha l-pussess, dan ma kienx ekwivoku fis-sens li kien hemm certezza li qeghda zzomm *uti dominus* u kienet qeghda tgawdi l-beni fl-interess esklussiv taghha. Lanqas ma kien hemm xi komportament min-naha ta' Marianna Xerri li jista' jwassal lill-qorti ghal konkluzjoni li kienet qeghda tagixxi bhala proprjetarja esklussiva u assoluta tal-beni. Fil-fehma tal-qorti, il-fatt li wiehed mill-koeredi jista' jkun qieghed jaghmel uzu ta' beni li jifforma

[8] *"Gie li smajt lil papa jghid lil Mananni illi hu ried jaqsam. Il-wirt li kienu jitkellmu fuqu kien tan-nanniet tieghi Michele u Catherina Xerri. Mananni kienet qeghda tghix fid-dar tal-genituri taghha Michele u Catherina. Gie li niftakar lil papa jitlobha l-maqjel li kien hemm fid-dar. Jitlobha l-maqjel biex hu jiehu sehem minn dan il-wirt. Jiena niftakar lil Mananni tghid lil papa, tghidlu, "tiehu l-maqjel, meta inti wahdek ! (recte, m'intix wahdek). Hu kien jghidilha, 'naf li m'inhix wahdi pero hemm fejn fejn jiehu haddiehor."* (fol. 120).

[9] Fol. 39; *".....pero' l-istess prelegatarji jkunu obbligati jhallu lil huthom l-ohra r-rispettiva kwota mill-valur a stima ta' perit ta' l-istess parti ta' l-istabbli."*.

[10] Seduta tal-10 ta' Gunju 2008 (fol. 131-132).

parti mill-eredita’, ma jfissirx li dak il-pussess m’huwiex ekwivoku. Dan in kwantu bhala koeredi ghandu kull jedd li jaghmel uzu mill-beni; “*il possesso ad usucapionem dei beni immobili deve essere non solo continuato, ininterrotto e pacifico, ma anche pubblico ed esercitato coscientemente, nel senso, cioè, che deve concretarsi* ***in un potere che si manifesti attraverso fatti e comportamenti, in una attività intenzionale del possessore, corrispondente all’esercizio di un diritto dominicale sull’immobile*** *(o di altro diritto reale di godimento sullo stesso*. *(Cass. civ., Sez. II, 18/04/2003, n. 6314).”*. Il-pussessur irid ikun wera li qieghed jagixxi bl-*animus rem sibi habendi*, cjoe’ l-intenzjoni li qieghed jagixxi bhala l-proprjetarju esklussiv tal-haga. Jigi wkoll rilevat li l-azzjoni kontemplata fl-Artikolu 845 tal-Kodici Civili ***“biex jintalab wirt”*** m’hijiex tirreferi ghall-qasma tal-wirt imma pjuttost il-*petitio hereditatis* li l-finalita’ taghha hu r-rikonoxximent tal-kwalita’ ta’ eredi fl-attur. Fl-azzjoni odjerna l-kwistjoni hi l-qasma ta’ l-eredita. M’hemmx kontestazzjoni dwar min huma l-eredi tal-konjugi Xerri.

Il-konvenuti eccepew ukoll il-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili. Min-nota ta’ sottomissjonijiet li pprezentaw hu evidenti li qeghdin jinvokaw **il-preskrizzjoni akkwizittiva**. Fil-kawza **Borg vs Cuschieri** deciza mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fi-29 ta’ Jannar 1897[11] gie osservat: *“Atteso che per riconoscere se uno, tra piu’ chiamati ad un eredita’, abbia, per prescrizione, acquistato, a danno degli altri, l’eredita’ evoluta, facendola sua per intero, e’ necessaria la prova irrefragibile di un possesso pubblico ed esclusivo, in cui l’animo di godere tutta l’eredita’ a proprio vantaggio si manifesti in mod non equivoco. Ricorrono spesso dei casi in cui un coerede, col tacito consenso degli altri coeredi, amministri l’intera eredita’, e faccia di fronte ai terzi atti da unico erede, ma per lunga che sia tale gestione, egli non puo’ repellere azione di divisione promossa dagli altri, allegando di essere divenuto unico erede per effetto della prescrizione, ostandogli la precarieta’ del godimento.”*.

[11] Vol. XVI.ii.4.

M'hemmx dubju li b'applikazzjoni tal-Artikolu 498 tal-Kodici Civili, il-qasma tista ma ssirx minhabba li jkun hemm bizzejjed li jaghti lok ghall-preskrizzjoni. Fil-Kodici Civili Taljan vigenti l-Artikol 714 hu simili hafna ghal dak lokali[12]; *"Il coerede puo', prima della divisione, usucapire la quota degli altri coeredi, senza che sia necessaria l'interversione del titol del possesso, attraverso l'estensione del possesso medesimo in termini di esclusivita', ma a tal fine* ***non e' sufficiente che gli altri partecipanti si siano astenuti dall'uso della cosa, occorrendo altresi' che il coerede abbia goduto in mod inconciliabile con la possibilita' di godimento altrui e tale da evidenziare una inequivoca volonta' di possedere uti dominus non piu uti condominus*** *(Cass. Civ, Sez II.7.7.99. n.7075)."* (*Codice Civile Annotato con La Giurisprudenza*, Paolo Cendon u Augusto Baldassari, UTET, 2007 pagna 751)[13].

Il-qorti temmen li fir-realta' ma kienx hemm kontestazzjoni dwar il-wirt ta' Michael u Catherine Xerri. Tant hu hekk li Maria Sacco (in-neputija ta' Marianna Xerri) kienet dahlet fi trattattivi ma' Joseph Bajada, in-neputi ta' Concetta Xerri armla ta' Frank Xerri (wiehed minn ulied Michael u Catherine Xerri). Marianna Xerri ilha mis-sena 2002 tghix ma' Maria Sacco, li spjegat[14] li tkellmet ma' Joseph Bajada fuq il-wirt tan-nanniet taghha u li kien ukoll gie nkarigat perit[15]. Il-qorti temmen li l-kwistjoni nqalghet meta Maria Sacco bdiet tippretendi li l-ammont li kellu jithallas skond l-Artikolu VIII tat-testment kien skond il-valur tal-proprjeta' fiz-zmien tal-mewt tas-superstiti fost in-nanniet. It-tezi li kollox kien sar ta' Marianna Xerri harget biha wara

---

[12] *"Puo' domandarsi la divisione anche quando uno o piu' coeredi hanno goduto separatamente parte dei beni ereditari, salvo che sia verificato l'usucapione per effetto di possesso esclusivo."*.

[13] Ara wkoll sentenza tal-istess Qorti tat-12 ta' April 2002 n. 5226 u tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Grazia Borg vs Rosa Farrugia et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Marzu 1957 (Vol. XLI.i.168) dwar l-esklusivita' tal-pussess.

[14] 10 ta' Gunju 2008.

[15] *"Meta mort inkellem lill-avukata kien hemm ir-ragel taghha. Ir-ragel ta' l-avukat kellimni fuq il-wirt tan-nanniet. Qalli li hu kien qed jitkellem f'isem iz-zija tieghu Concetta Xerri. Qalli ukoll li Concetta riedet sehemha mill-wirt. Jiena lil Joseph Bajada ghidtlu, "nippruvaw nirrangaw".". Nikkonferma li wara kien tqabbad perit. Il-perit kien Emanuel Vella......* ***Jiena nikkonferma illi wara li sar dan l-ezercizzju mal-Perit Emanuel Vella u dan l-ezercizzju sar biex nipprocedu ghall-qasma tal-wirt tan-nanniet****......"* (fol. 135).

li Maria Sacco marret tiehu parir minghand avukat ghaliex Joseph Bajada kien qieghed isostni li l-ammont li kellu jithallas skond l-imsemmija disposizzjoni kellu jirrifletti l-valur tal-lum tal-proprjeta'. Kien ghalhekk li marret tiehu parir minghand avukat. Il-qorti ma temminx li meta Maria Sacco dahlet fi trattattivi ma' Joseph Bajada, ghamlet kollox minn wara dahar Marianna Xerri. M'hemmx dubju wkoll li Maria Sacco kienet qeghda tiehu sehem fit-trattattivi fl-interess ta' Marianna Xerri. Tant li qalet: *"Jiena nikkonferma li tkellimt ma' Joseph Bajada. Ghidtlu li jiena mort nara t-testment kif inhu ghand in-Nutar Pisani* ***u li dan kien tani parir illi l-valur kien ta' zmien tal-ftuh tas-successjoni tan-nanniet****."* (fol. 136). Hawnhekk kienet qeghda tirreferi ghall-hlas li jrid isir mill-prelegatarji [Victoria u Michelina ahwa Xerri] skond Artikolu VIII tat-testment. Fil-fatt Joseph Bajada stess ikkonferma li kien sar qbil ma' Maria Sacco li jigi nkarigat il-perit Emanuel Vella u li meta gie ffissat l-appuntament mill-perit Vella, *"....kienet Maria Sacco stess li cemplitli fid-data u l-hin ta' l-appuntament sabiex jiena wkoll immur fuq il-post mal-perit. Dakinhar fuq il-post mort jien, flimkien ma' Maria Sacco u zewgha."* (fol. 75). Verzjoni li ma gietx kontradetta mill-istess konvenuta. Il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien qamet biss wara li Maria Sacco tkellmet man-nutar Paul G. Pisani u l-avukat. Il-qorti hi moralment konvinta li fir-realta' meta Joseph Bajada, neputi ta' wahda mill-eredi, kien qieghed jitkellem mal-konvenuta Maria Sacco din kienet qeghda titkellem ukoll fl-interess taz-zija Marianna Xerri (bhala werrieta ta' Victoria Xerri) tant li ma' Joseph Bajada tkellmet dwar it-twettiq ta' l-obbligu mpost mit-testaturi fuq il-prelegatarji. Kien biss wara li hadet parir legali li l-affarijiet inbidlu, u giet invokata l-preskrizzjoni. Konvenjentement il-konvenuti ahwa Agius, ghalkemm *prima facie* jidher li l-ewwel eccezzjoni hi kontra l-interess patrimonjali taghhom, eccepew ukoll il-preskrizzjoni fit-tama li kollox jibqa' ghand Marianna Xerri. B'dan il-mod hi evidenti t-tama taghhom hi li kollox jibqa' jitgawda mill-familja taghhom biss in kwantu hu evidenti li huma katina ma' Marianna Xerri. Il-qorti hi tal-fehma li x-xhieda moghtija minn dawk l-ahwa Agius li kkonfermaw li kollox hu ta' Marianna Xerri, m'hijiex imparzjali u anzi kellhom interess dirett fl-ezitu ta' l-ewwel eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Maria Sacco, Marianna Xerri, Joseph Agius, Gabriella Agius, Michelina Cremona u Catherine Portelli proprio et nomine u tordna l-prosegwiment tal-kawza. Spejjez a karigu ta’ l-istess konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------